A.L. 265 tal-2008

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Ordni ta' l-2008 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 33(1), 36(6) u 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2008 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali, u dan l-ordni għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-2000 dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". Titolu.

A.L. 32 ta' l-2000.

2. It-Tieni Skeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:- Jemenda t-Tieni Skeda li tinstab ma' l-ordni prinċipali.

(a) fit-Taqsima I tagħha:–

(i) minnufih wara l-kelma "Għaxaq," fl-ewwel kolonna intitolata "Kunsill Lokali" għandha tidħol il-kelma "Gudja," u minnufih wara l-kliem "Mtarfa b'effett mill-ġdid mill-11 ta' Marzu, 2004" fit-tieni kolonna intitolata "Data tad-delega effettiva" għandhom jidħlu l-kliem "Gudja b'effett mill-ġdid mill-4 ta' Novembru, 2008"; u

(ii) dwar il-Marsa, minnufih wara l-kliem "17 ta' Ġunju, 2003" fit-tieni kolonna intitolata "Data tad-delega effettiva" minflok il-kliem "Għad irid jiġi stabbilit" għandhom jidħlu l-kliem "4 ta' Novembru, 2008"; u

(b) fit-Taqsima II tagħha, l-ewwel paragrafu, il-kliem minn "Kumitat Konġunt tal-Kunsill ta' Għaxaq," sal-kliem "5 ta' Ottubru, 2004" għandhom jiġu mħassra.